Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10227 — KPS Capital Partners/Hydro Rolling)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 132/08)

1. Fil-31 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KPS Capital Partners, LP ("KPS", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Hydro Aluminium Rolled Products GmbH (il-Ġermanja), li tappartjeni għal Norsk Hydro ASA (in-Norveġja), u

— Hydro Aluminium Rolled Products AS (in-Norveġja), li tappartjeni għal Norsk Hydro ASA.

KPS takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Hydro Aluminium Rolled Products GmbH u Hydro Aluminium Rolled Products AS, li flimkien jiffurmaw in-negozju tal-prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti ta' Norsk Hydro ASA.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KPS: fond ta' investiment li jikkontrolla kumpaniji tal-manifattura u dawk industrijali f'sensiela ta' industriji, inklużi materjali bażiċi, prodotti tad-ditta għall-konsumatur, prodotti għall-kura tas-saħħa u lussużi, partijiet tal-karozzi, tagħmir kapitali u manifattura ġenerali.

— Hydro Aluminium Rolled Products GmbH: produzzjoni u l-provvista ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti

— Hydro Aluminium Rolled Products AS: produzzjoni u l-provvista ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10227 — KPS Capital Partners/Hydro Rolling

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË